# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Awwissu 2025

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **għal dawk il-postijiet fejn in-nies isibuha diffiċli jgħixu flimkien biex ma jaqgħux għat-tentazzjoni tal-konfrontazzjoni minħabba diverġenzi etniċi, politiċi, reliġjużi jew ideoloġiċi.**

**Ninġabar:**
Insib post għall-kwiet u nitlob lill-Mulej biex idawwalni bil-ħsibijiet u x-xewqat tiegħu għall-bnedmin.

**Fatt ċkejken:**
Dan is-Sajf, il-ħabiba tiegħi Linda, mill-Ingilterra, qattgħet ftit ġimgħat ta' btala fil-gżejjer tagħna. Stagħġbet mhux ftit bil-ħeġġa u l-briju tal-festi reliġjużi fl-ibliet u fl-irħula tagħna. Skantat kif ċerti rħula jiċċelebraw aktar minn festa waħda u li, f'ħafna lokalitajiet, issib mhux biss każin wieħed tal-banda iżda tnejn. Min-naħa tiegħi spjegajtilha kif il-festi reliġjużi nibtu bħala espressjoni tal-fidi Kattolika u li issa saru parti integrali mill-kultura tal-post u tal-pajjiż. Imma ma stajtx ma nifthilhiex għajnejha kif, anke f'dawn il-festi li suppost għandhom jgħaqqduna flimkien, jinħolqu diversi gruppi jaħdmu kontra xulxin.



Meta semgħat dan Linda rrimarkat li jekk f'ambjent daqshekk żgħir u familjari tinħoloq il-pika u l-konfrontazzjoni saħansitra waqt ċelebrazzjoni reliġjuża, m'għandniex niskantaw bil-konflitti li jeżistu bejn tant popli li jħaddnu fihom differenzi kbar ta' ideoloġija u kultura.

**Naħseb ftit:**
Fl-ambjenti li fih ngħix, infittex dak li hemm komuni bejnietna jew niffoka biss fuq id-differenzi? Kif inġib ruħi meta xi ħadd ma jaqbilx miegħi? Jeżistu f'ħajti persuni li nsibha diffiċli naċċettahom u ngħix magħhom, u b'hekk insib ruħi qed inwarrabhom jew naħrabhom?

**Nitlob:**
O Alla, inti Missier il-bnedmin kollha, għinni nifhem li minkejja d-diversità ta' bejnietna, aħna nixbħu ħafna lil xulxin fil-ġisem, fil-qalb, fl-imħabba u fix-xewqat għal ħajja aħjar. Dawlilna moħħna biex, fl-imġiba tagħna ma' xulxin, id-diversità ngħixuha bħala rikkezza ħalli nagħrfu ntaffu l-weġgħat ta' min sofra vjolenza u inġustizzji minħabba id-diskriminazzjoni.

**Kliem ta' dawl:**
Mulej agħmilni strument tal-paċi tiegħek. Fejn hemm il-mibegħda ħallini nħeġġeġ l-imħabba.
*San Franġisk t'Assisi*

**X'nista' nagħmel:**
Meta nsib ruħi f'konfrontazzjoni ma' xi ħadd, nieqaf ftit u nżomm pass lura mill-pożizzjoni tiegħi biex nipprova nifhem aktar fejn nista' naqbel mal-persuna l-oħra. Imbagħad, bil-kalma kollha, ngħid dak li ma naqbilx fuqu.